26 ta' Awissu, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Francesco Barraco *versus* Paul Calleja et.

**Impediment tas-Safar — Frustieri — Bastiment — Art. 3 (1) u 20 (1) tal-Kap. 45.**

*Frustier li jasal f'dawn il-Gżejjer ma jistax jinżel l-art bla permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Uffiċjal inkarikat minnu; u jekk dak il-frustier jinżel l-art mingħajr dak il-permess, kuwa*

*jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn dawn il-Gżejjer b'ordni bil-miktub taħt il-firma ta' Maġistrat.*

*Din hija liġi ta' ordni pubbliku, li tegħleb u tipprevali għall-interess tal-privati.*

*Issa, mandat ta' impediment ta' safar jippresupponi l-possibilità ġuridika ta' l-eżekuzzjoni tiegħu. Għalhekk, meta dak il-mandat jiġi ottenut kontra frustier li jasal hawn Malta ma' bastiment, u ma għandux permess li jinżel l-art u joqgħod f'dawn il-Gżejjer, dak il-mandat ma jistax ikollu effikaċja, għax ma hux ġuridikament possibbli li jiġi eżegwit. U meta huwa hekk, il-bastiment li fuqu jinsab dak il-frustier ma għandux jinżamm milli jsalpa għas-sempliċi raġuni li għandu fuqu dak il-frustier, imma għandu jitħalla jsiefer, avvolja dak il-frustier ma jkunx jista' jinżel l-art u jibqa' f'dawn il-Gżejjer.*

L-attur fit-taħrika qal illi l-imsemmi Paolo Calleja fil-21 ta' Awissu 1948 ottjena kontra Sebastiano Bottaro, membru ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment imsemmi, mandat ta' impediment ta' safar għal kreditu ta' £334; u illi minħabba dana l-mandat ta' impediment ta' partenza l-bastiment tiegħu ġie miżmum mis-safar, mingħajr ebda ordni tal-Qorti biex hekk jinżamm; u illi huwa jiddikjara ruħu pront biex jitniżżel minn abbord l-imsemmi Sebastiano Bottaro, u l-Konslu Taljan ippermetta lill-Pulizija biex titla' abbord il-bastiment imsemmi; u illi, milli jidher, l-imsemmi Sebastiano Bottaro ma għandux il-permess biex jissoġġjorna hawn Malta; u illi l-konvenut Paul Calleja ma ħax il-miżuri neċessarji biex l-imsemmi Sebastiano Bottaro jista' jibqa' miżmum hawn Malta; u illi l-konvenut Frank Agius u l-Kummissarju tal-Pulizija Joseph Ullo ne., jew wieħed minnhom, żammu il-partenza tal-bastiment imsemmi mingħajr ebda awtorità tal-Qorti; u illi bl-imsemmi impediment tal-partenza ta' l-imsemmi bastiment, huwa, fil-kwalità tiegħu premessa qiegħed isofri u għad isofri danni rilevanti minħabba stallji forzati, kemm ukoll f'telf ta' nol, u danni oħra li jistgħu jkunu kaġunati fil-merkanzija li qiegħda tistenna l-bastiment imsemmi fuq il-bankina ta' Catania; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, din il-Qorti tordna lil kwalunkwe wieħed mill-konvenuti li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għas-safar imme-

djat ta' l-isem ni bastiment. L-attur jirriżerva d-dritt għaddanni f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż kollha;

*Omissis;*

Mill-provi u mill-attijiet tal-kawża rriżulta li l-bastiment ta' l-attur kien lest għas-safar, u kien anki rċieva mid-Dwana d-dokumenti meħtieġa biex jitlaq, meta ħin bla waqt bil-lejl il-Kollettur tad-Dwana rċieva mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenut Sebastiano Bottaro, li kien membru ta' l-ekwipaġġ, u li ma kellux permess mill-Pulizija biex jista' jiżbarka f'dawn il-Gżejjer; u għalhekk il-Kollettur tad-Dwana rtira d-dokumenti minn għand l-attur u b'hekk żamm il-bastiment milli jista' jsiefer. L-attur offra li jħassar mir-rwol ta' l-ekwipaġġ l-isem ta' dak Bottaro. Iżda peress li Bottaro ma setax jinżel l-art, ma sar xejn, u l-bastiment baqa' miżmum. Intant kontra l-bastiment ma kien hemm ebda ordni ta' impediment ta' safar mill-Qorti, u ma kien hemm ebda raġuni oħra ta' navigabilità jew sigurtà publika biex jinżamm milli jsiefer. Ir-raġuni waħdanija kienet li l-Kollettur ried jagħti eżekuzzjoni lill-mandat ta' l-impediment tas-safar maħruġ kontra Bottaro;

Skond l-art. 3 (1) ta' l-Ordinanza dwar il-Frustieri (Chapter 45 tal-Liġijiet), "frustier li jasal f'dawn il-Gżejjer ma jistax jinżel l-art bla permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Uffiċjal inkarikat minnu"; u skond l-art. 20 (1) ta' l-istess Ordinanza, il-frustier li ma jkollux permess jinżel l-art jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn dawn il-Gżejjer bl-ordni bil-miktub taħt il-firma ta' Maġistrat. Dik hija liġi ta' ordni publiku, li tegħleb u tipprevalixxi għall-interess tal-privati;

Il-*Qorti* tosserva li l-mandat ta' l-impediment tas-safar ta' persuna jippresupponi l-possibilità ġuridika ta' l-eżekuzzjoni tiegħu. Iżda meta bis-saħħa tal-liġi ta' ordni publiku l-awtorità publika ma tippermettix lill-frustier jiżbarka f'Malta u joqgħod hawn, il-mandat ma jistax ikollu effikaċja, għax minħabba liġi ta' ordni publiku, li tiġi f'konflitt ma' l-interess privat, *l-eżekuzzjoni tal-mandat* ta' l-impediment tas-safar mhix iżjed ġuridikament possibili. F'dana l-każ preżenti liġi ta' ordni publiku tipprojbixxi l-iżbark, u għalhekk hija in kontradizzjoni u konflitt mal-mandat ta' l-impediment tas-

safar. U tabilħaqq, li kieku kellu jinżamm il-mandat billi jinżamm il-bastiment, kien jiġi li bastiment jiġi miżmum meta kontra tiegħu ma hemm ebda mandat tal-Qorti; u ma hemm ebda raġuni ekwa biex jinżamm għax il-kaptan ikollu abbord persuna li huwa pront iniżżel l-art, iżda li ma jistax jinżel l-art għax il-Pulizija ma tippermettilux. Il-mandat jeżiġi li l-isem tal-konvenut Bottaro jiġi mħassar mir-rwol tan-nies li jistgħu jsiefru. L-attur huwa pront jagħmel dana, iżda ma jistax iniżżel lil Bottaro l-art minħabba nuqqas ta' permess; u "ad impossibilia nemo tenetur";

F'dan il-konflitt ma għandux ibati 'ntortament il-bastiment kollu, iżda għandha tiġi rikonoxxuta l-prevalenza tal-liġi dwar il-frustieri; u minħabba l-konflitt ta' dina mal-mandat, il-mandat ma jistax ikompli jseħħ. Dik il-prevalenza ta' l-interess publiku fuq l-interess privat f'materja ta' mandat ta' l-impediment tas-safar ġiet rikonoxxuta mill-Prim-Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza in re "Green vs. Mekedonskey et.", mogħtija fis-27 ta' Novembru 1921, u konfermata l-għada mill-Qorti ta' l-Appell, u fis-sentenza tal-14 ta' Frar 1928 in re "Nicoletti vs. Borg". Għaldaqstant, fl-assenza ta' raġunijiet oħrajn ġusti u legali, il-konvenut Agius nomine ma jistax jirrofta d-dokumenti tad-Dwana biex l-attur bil-bastiment ikun jista' jsiefer, anki jekk Bottaro ma jistax jitneħħa minn fuq abbord u jitniżżel l-art għax hemm id-divjet tal-Pulizija. Il-konvenuti l-oħrajn ma jidhrx li għandhom interess fil-meritu ta' dil-kawża kif impustata;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba fis-sens li tordna lill-konvenut Agius nomine jagħti lill-attur nomine d-dokumenti meħtieġa tal-"clearance", biex il-bastiment isalpa, anki jekk minħabba d-divjet tal-Pulizija l-konvenut Bottaro ma jistax jinżel l-art; teħles lill-imħarrkin l-oħrajn mill-ħarsa tal-ġudizzju; u in vista taċ-ċirkustanzi u tan-novità tal-każ il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru nofs għall-atturi u nofs għall-konvenut Agius nomine.